

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Każistika Nazzjonali](#) > [Netherlands](#)

Każistika nazzjonali

Olanda

Il-kontenut ipprovdut minn

Olanda



Ġurisprudenza disponibbli f'sit web

Mid-9 ta' Diċembru 1999, il-ġurisprudenza tal-qradi distrettwali (*rechtbanken*), tal-qradi tal-appelli (*gerechtshoven*), tal-Qorti Suprema tan-Netherlands (*Hoge Raad der Nederlanden*), tad-Diviżjoni tal-Ġuriżdzjoni Amministrattiva tal-Kunsill tal-Istat (*Afdeling Bestuursrechtspraak van de Raad van State*), tat-Tribunal tal-Appelli Ċentrali (*Centrale Raad van Beroep*) u tat-Tribunal tal-Appelli tal-Kummerċ u l-Industrija (*College van Beroep voor het bedrijfsleven*) ġiet ippubblikata online. Tista' tfitx is-sentenzi fil-bażi tad-*data* tal-ġurisprudenza fuq rechtspraak.nl permezz tat-test, in-numru tal-kawża, id-data tas-sentenza jew tal-pubblikazzjoni, l-awtorità ġudizzjarja, il-ġuriżdzjoni jew is-sub-ġuriżdzjoni, l-ECLI jew ir-referenza tal-pubblikazzjoni.

Preżentazzjoni tad-deċiżjonijiet / Titoli

It-titolu jissejjaħ "indikazzjoni tal-kontenut", u jista' jkun fih nota ewlenija (sentenza waħda), sommarju qasir jew twil, xi kliem prinċipali, paragrafu li jiġbor fil-qosor il-liġi li dwarha tkun qed issir il-kawża, jew ċitazzjoni litterali tal-aktar *dictum* importanti tad-deċiżjoni.

Eżempju ta' titolu

Liġi applikabbli għall-kiri: rexijsjoni ta' kuntratt tal-kiri ta' spazju għall-uffiċċji (*Huurrecht; ontbinding van huurovereenkomst kantoormimte (81 RO)*).

Formati

Is-sentenzi jiġu ppubblikati fuq rechtspraak.nl fil-format HTML. L-informazzjoni hija disponibbli wkoll fil-format RDF għall-utenti (mill-ġdid) professjonali.

Qradi kkonċernati

Is-sentenzi tal-qradi kollha jistgħu jinstabu fis-sit web permezz ta' [Fittex is-sentenzi](#). Dawn huma:

- Il-Qorti Suprema tan-Netherlands
- Id-Diviżjoni tal-Ġuriżdzjoni Amministrattiva tal-Kunsill tal-Istat
- It-Tribunal tal-Appelli Ċentrali
- It-Tribunal tal-Appelli tal-Kummerċ u l-Industrija
- Erba' qradi tal-appell
- Fdax-il qorti distrettwali

Proċedimenti ulterjuri

[Qradi superjuri](#)

[Qradi oħra](#)

Hemm informazzjoni disponibbli:

- dwar appelli?	Iva	Iva
- dwar jekk kawża għadhiex pendenti?	Le	Le
- dwar ir-riżultat tal-appelli?	Iva	Iva
- dwar l-irrevokabbiltà tad-deċiżjoni?	Le	Le
- dwar proċedimenti ulterjuri quddiem:		
- qorti nazzjonali oħra (il-Qorti Kostituzzjonali,...)?	Iva	Iva
- il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja?	Le	Le
- il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem?	Le	Le

Regoli tal-pubblikazzjoni

Il-qrati żviluppaw żewġ settijiet ta' linji gwida dwar il-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza. L-ewwel sett jittratta l-anonimizzazzjoni (it-tneħħija tad-dettalji personali), filwaqt li l-ieħor jittratta l-għażla.

Linji gwida dwar l-anonimizzazzjoni rechtspraak.nl

Il-linji gwida dwar l-anonimizzazzjoni jirrikjedu li s-sentenzi ppubblikati jiġu anonimizzati. Dan ifisser li s-sentenzi ma għandhomx jinkludu informazzjoni dwar kwalunkwe persuna li mhijiex involuta professionalment f'kawża.

Dan is-sett ta' linji gwida huwa bbażat fuq ir-rakkomandazzjoni R (95) 11 "dwar l-għażla, l-ipproċessar, il-preżentazzjoni u l-arkivjar tad-deċiżjonijiet tal-qorti f'sistemi għall-irkupru ta' informazzjoni legali" tal-Kunsill tal-Ewropa: l-ogħla ġurisdizzjonijiet jipubblikaw il-kawżi kollha, sakemm ma jkunux ta' interess legali jew soċjetali b'mod ċar, filwaqt li qrati oħra jipubblikaw biss dawk il-kawżi li huma ta' interess legali jew soċjetali b'mod ċar. Il-linji gwida Netherlandiżi jidħlu f'aktar dettall fir-rigward ta' dawn il-kunċetti.

L-aħħar aġġornament: 13/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.